MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 176/2000/1

**Linda Pulis**

**v.**

**Alfred Pulis**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fis-27 ta' April 2006. L-appellanti Linda Pulis qieghda effettivament titlob ir-riforma ta' dik is-sentenza billi tigi mhassra u revokata dik il-parti taghha li fiha l-ewwel Qorti iddisponiet mit-tielet talba tal-attrici

(ghad-determinazzjoni tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-istess attrici) bil-mod segwenti: “[2] filwaqt li tafferma l-obbligu tal-konvenut li jivversa manteniment lil martu l-attrici, izda *rebus sic stantibus* stante t-tenita` ta’ l-introitu u mezzi tal-konvenut tichad it-tielet talba attrici; izda zzomm ferm u impregudikat id-dritt ta’ l-attrici li din tirriklama manteniment minghand il-konvenut fil-kaz li dan jibda jaghmel xoghol bi qligh”, kif ukoll dik il-parti fejn l-istess qorti ddisponiet mir-raba’ u mill-hames talbiet.

**2.** Ikun utili ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza li tigi hawn riprodotta s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, peress li fiha hemm riportati t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi kif effettivament iddecidiet:

“Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

“Peress illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibli u dan minhabba diversi ragunijiet fosthom eccessi, swat, mohqrija, theddid, sevizzji, u ingurji gravi da parti tal-konvenut zewgha.

“Peress illi l-partijiet ma ilhomx mizzewga u minn dan iz-zwieg ma hemmx ulied.

“Peress illi l-konvenut ma huwiex imantni lill-attrici.

“Peress illi b’digriet numru 725/99 tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili li gie sussegwentement estiz hija inghatat il-permess sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni a mensa et thoro mill-konvenut.

“Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li hemm rgunijiet validi fil-ligi sabiex il-partijiet jghixu separati minn xulxin a mensa et thoro.

2. tiddikjara lill-konvenut unikament hati ta’ din is-separazzjoni u dan minhabba l-agir tieghu fil-konfront taghha.
3. tiffissa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici.

4. tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u beni bejn il-partijiet esistenti.

5. tassenja lill-partijiet dik il-parti li hija thoss xierqa ai termini u fid-dawl tal-ewwel zewg talbiet.

“Bl-ispejjes l-konvenut huwa imharrek ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi mhux biss hemm lok illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda l-eccipjent jippretendi li z-zwieg bejnu u bejn l-attrici huwa null u minghajr effett fil-ligi u nfatti hu ntavola l-istanza opportuna biex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null. Mhuwiex minnu li l-hajja konjugali saret impossibli minhabba t-tortijiet li qed taddebitalu l-attrici, u ghalhekk it-tieni talba attrici mhix sostenibbli. Hija l-istess attrici li tahti ghat-tifrik taz-zwieg.

2. Illi lanqas ma hija sostenibbli t-tielet talba attrici.

3. Illi t-tielet u r-raba’ talbiet attrici ghandhom jigu decizi fid-dawl tal-premess, u senjatament fid-dawl ta’ l-inkapacita’ assoluta ta’ l-attrici oltre n-nuqqas ta’ rieda taghha li twettaq id-dmirijiet konjugali.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet xhieda bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut, fit-termini ta’ l-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, u dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut. Qeda titlob ukoll li tigi fissata retta alimentarja ghaliha u li tigi likwidata u diviza l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom.

“Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li qed jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, qed jikkontesta l-allegazzjoni attrici li t-tort ghall-firda ghandu jigi attribwit lilu, stante li skond hu “Hija l-istess attrici li tahti ghat-tifrix taz-zwieg.” [fol.10]

“Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet zzewwgu fl-4 ta’ Ottubru 1997 wara li kienu ilhom johorgu flimkien sitt xhur, izda z-zewg familji kienu ilhom zmien twil jafu lil xulxin, u anke l-attrici kienet midhla tal-familja B. F’dak iz-zmien l-attrici kellha 42 sena u l-konvenut kellu 44 sena. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Fit-8 ta’ Mejju 1999, wara sena u seba’ xhur zwieg, il-konvenut abbanduna ghal kollox id-dar konjugali.

“L-ilment principali ta’ l-attrici huwa fis-sens li mill-bidu taz-zwieg il-konvenut kien jidher imdejjaq u ma kienx jaghti kasha. Kien jibqa’ barra sighat twal, anke wara li jkun spicca mix-xoghol, u kien jigi d-dar biss biex jiekol u jorqod. Lilha ma kienx ikellimha u, fi kliemha kien jitrattaha ta’ annimal. Kien ukoll jabbuza minnha anke fi hwejjeg sesswali, tant li bil-mod kif kienet issir din l-attivita` ma setghax ikollhom tfal.

“Il-konvenut minn naha tieghu jichad kategorikament li huwa kien jabbuza mill-attrici bil-mod minnha allegat, u jsostni li kienet l-attrici li bil-karattru impulsiv taghha u bil-legami strett li kellha ma ommha li kienet tghix fil-fond sottostante, ma setghax ikun hemm kommunikazzjoni bejniethom. Fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid: “ .. il-verita’ hi li kont inbati ghall-ahhar biex nikkomunika

maghha [l-attrici] bhala marti. Kien ghalhekk li jiena tlaqt mid-dar matrimonjali f' Mejju 1999." [fol.66].

"Illi mill-provi jirrizulta car li dan iz-zwieg tkisser irremdijabilment u l-konvivenza bejn il-partijiet mhix aktar possibbli. Il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li hija izjed propensa li taghti affidament lil versjoni ta' l-attrici, jirrizulta car li l-abbandun da parti tal-konvenut ghar-ragunijiet moghtija minnu fl-affidavit tieghu, u jhalli lil martu tfendi ghar-rasha, mhijex bazata fuq raguni valida, u ghalhekk tassumi karattru ingurjuz u ta' mohqrija da parti tieghu fil-konfront ta' martu. Jinsab ritenut fil-gurisprudenza "la persistenza e la continuita' in tal caso, anzi, attribuerebbero all' abbandono un carattere ingiurioso *[Baudry citat b' approvazzjoni in Vol.XXVI.II.9][ PA[PS] Lucia Bassiousy Passiouny vs Dr.Edwina Chetcuti – 21.10.2002] u [PS[PS]ErmeA Glynn vs Avukat Dottor Tonio Mallia – 9.12.2002].*

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici numru [1] u [2] huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha, stante li f' dan il-kaz jinsabu ravvizati sevizzi u offizi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici.

"Illi rigward it-tielet talba diretta sabiex il-Qorti tiffissa rata alimentarja ghall-attrici, il-Qorti tirrileva li l-provi f' dan ir-rigward huma mankanti. Ghalkemm fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha l-attrici qeda tavvanta pretensjoni fl-ammont ta' Lm8,000 rapprezentanti arretrati ta' manteniment, kif ukoll qed issostni li, ghalkemm il-konvenut qed jircevi assistenza socjali huwa jaghmel xoghol bi qligh, ma ngabet ebda prova f' dan ir-rigward. Kemm fl-affidavits ta' l-attrici u ta' ommha, u kemm fid-deposizzjoni taghha quddiem l-assistant gudizzjarju, ma sar l-ebda accenn ghal xi pretensjoni ta' manteniment arretrat jew li l-attrici ma kienitx qed tinghata manteniment mill-konvenut. Ghaldaqstant mhux opportun li f' dan l-istadju inoltrat tal-kawza, meta l-provi nghalqu u l-kawza thalliet ghas-sentenza tigi sollevata il-vertenza dwar arretrat ta' manteniment allegatament dovut. Inoltre, mill-provi rrizulta car li l-konvenut waqaf mix-xoghol u mis-6 ta' Jannar 2001 beda jiehu beneficju socjali, bhala single, kif

ukoll pensjoni ta’ invalidita’ li fi kliem ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali “din l-ghajnuna tinghata lil dawk kollha li jkunu morda b’ xi marda kronika li qieghda fil-lista tal-ghajnuna socjali, naturalment din il-marda tkun tirrikjedi certu kura specjali …. Din in-nota hija means tested, naturalment.” [fol.86].

“Il-Qorti hija tal-fehma li mill-assistenza socjali li l-konvenut qed jircevi bhala single, kif ukoll mill-assistenza medika li jircevi minhabba l-marda li ghandu, mhuwiex fil-posizzjoni li jivversa manteniment lill-attrici, ghalkemm id-dritt taghha li tirriklama manteniment minghand il-konvenut fil-kaz li dan jibda jaghmel xoghol bi qligh, qed jinzamm ferm u impregudikat.

“In fine rigward it-talbiet numri erba u hamsa, jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li m’hemmx assi fil-komunojni ta’ l-akkwisti.

“Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici limitatament kif ser jinghad, billi:

“[1] tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet u li din hija dovuta tort tal-konvenut; u

“[2] filwaqt li tafferma l-obbligu tal-konvenut li jivversa manteniment lill martu l-attrici, izda *rebus sic stantibus* stante t-tenwita’ tal-introitu u mezzi tal-konvenut tichad it-tielet talba attrici;  izda zzomm ferm u mpregudikat id-dritt ta’ l-attrici li din tirriklama manteniment minghand il-konvenut fil-kaz li dan jibda jaghmel xoghol bi qligh; u

“[3] tichad ir-raba u l-hames talbiet stante li ma rrizulta xejn x’jigi likwidat, diviz jew assenjat;

“L-ispejjez tal-kawza jkunu a kariku tal-konvenut, hlief dawk relattivi ghat-talbiet numru erba u hamsa li ghandhom jigu sopportati mill-attrici.”

**<u>L-appell</u>**

**3.** Fis-16 ta' Mejju 2006, l-attrici pprezentat rikors ta' appell li fih essenzjalment aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel ma kienitx korretta meta ddecidiet li ma tiffissax il-manteniment lilha dovut imqar billi tordna l-hlas ta' arretrati ta' manteniment. L-appellanti tikkontendi li ghalkemm huwa veru li zewgha gab prova li huwa qed jiehu l-assistenza socjali peress li mhux qed jahdem u li hija ma rnexxiliex iggib provi konkreti li fil-fatt huwa qed jahdem bil-mohbi, *cio` nonostante*:

**"…l-esponenti tirritjeni illi permezz ta' digriet numru 890/99 is-Sekond Awla tal-Qorti Civili kienet ordnat li l-appellat ihallas manteniment lilha fl-ammont ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (Lm25) fil-gimgha. Dan id-digriet kien inghata fit-3 ta' Gunju 1999 u dan jigi [**recte: gie**] rispettat mir-ragel ghal zmien sitt (6) xhur. Illi wara dan il-periodu, sad-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti l-appellat qatt ma hallas sold manteniment. Illi l-esponenti tissottometti li dik l-ordni ta' hlas ma giet varjata qatt. Illi ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta anqas ma ordnat li alumenu l-konvenut ihallas l-arretrati mid-data tas-sentenza lura ghal meta waqaf il-hlas. Illi dan il-fatt jekk wiehed jara anke semplicement in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut appellat jidher car li huwa ammess minnu stess li ma hallasx manteniment…"**

L-appellanti ghalhekk bazikament qed titlob li din il-Qorti tipprovdi dwar l-imsemmija arretrati ta' manteniment.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**4.** Ezaminati sew l-atti kollha, din il-Qorti ma tezitax tikkwalifika dana l-appell bhala li jirrazenta l-fieragh.

**5.** Id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, imsemmi mill-appellanti, inghata fit-3 ta' Gunju 1999. Ic-citazzjoni giet ipprezentata fil-31 ta' Jannar 2000 – cioe` ftit aktar minn sitt xhur mid-data ta' dak id-digriet. It-tielet talba – "tiffissa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici" – hija kjarament talba ghad-determinazzjoni tal-manteniment fis-

sens tas-subartikoli (2) *et seq.* ta’ l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili. Issa, ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment *ex nunc*, meta fil-kors ta’ kawza ta’ separazzjoni issir il-prova ta’ arretrati ta’ manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta’ l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta’ somma globali, pagabbli f’daqqa jew fi skadenzi. Dak li, pero`, l-appellanti donnha jew ma fehmitx jew ma tridx tifhem huwa li l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f’noti ta’ sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f’affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`). Ghalkemm huwa minnu li hemm accenni ghax xi nuqqas ta’ pagament ta’ manteniment fid-dikjarazzjonijiet akkompanjanti c-citazzjoni u n-nota ta’ l-eccezzjonijiet, ghal erba’ snin shah, minn meta bdiet tinstema’ l-kawza f’Ottubru 2000 sa meta l-partijiet iddikjaraw il-provi maghluqa fl-4 ta’ Ottubru 2004 (ara l-verbal quddiem l-Assistent Gudizzjarju a fol. 90 tal-atti), l-attrici qatt ma gabet l-icken prova ta’ kemm setghu kienu dawn l-arretrati. L-ewwel darba li saret referenza ghal xi cifra determinata kien fin-nota ta’ sottomissjonijiet – li, kif inghad, ma taghmilx prova – tal-attrici tas-27 ta’ April 2005. Qabel din id-data, kull ma kien hemm kienet id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici (fol. 3) li semplicement tghid “(3) Illi l-konvenut ma huwiex imantni sewwa u regolarment lill-attrici”; u d-dikjarazzjoni tal-konvenut (a fol. 11, annessa man-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu tat-22 ta’ Awissu 2000) li tghid “(3) Illi dwar it-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, jinghad li mhux biss l-esponent ma kienx[1] f’posizzjoni li jmantni lil martu izda wkoll li hija mhix intitolata li tezigi l-manteniment minn ghandu.” Wara dawn id-dikjarazzjonijiet vagi, ghal erba’ snin shah, silenzju totali fuq il-manteniment u l-*quantum* ta’ arretrati li talvolta

[1] Ir-referenza hija ghal xi data fil-passat; sottolinear ta’ din il-Qorti.

akkumulaw. Anqas ma jista' jinghad, kif donnha qed tippretendi l-appellanti – u kif ipprova, bi sforz enormi u ammirevoli, jargumenta l-abbili difensur taghha fil-kors tat-trattazzjoni tas-6 ta' Novembru 2006 – li hemm xi ammissjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut a fol. 100 *et seq.* Apparti, kif diga` inghad, li n-nota ma hix prova, wisq anqas prova ta' xi *quantum* partikolari, dak li jinghad f'din in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, illum appellat, hu: "L-istess attrici qatt ma hadet xi pass kwalsiasi kemm ilha pendenti l-kawza biex jigi ezegwit id-digriet ta' manteniment gja miksub minnha, hlief darba wahda permezz ta' kwerela penali meta kienu ghaddew aktar minn hames snin wara li ntavolat il-kawza, u liema kwerela giet irtirata 'minghajr pregudizzju'…ghad-decizjoni finali fil-kawza ta' separazzjoni." Din il-Qorti ma tarax li dana l-paragrafu jista' jitqies bhala xi ammissjoni ta' xi haga – l-aktar li jista' jinghad hu li hija dikjarazzjoni da parti tal-konvenut li verament darba minnhom l-attrici allegat quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali li zewgha ma kienx hallasha manteniment – izda ghal liema perjodu, kemm kien l-ammont pretiz ecc. ma jinghad u ma hemm indikazzjoni ta' xejn.

**6.** Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li tista' takkolji l-appell tal-attrici.

**Decide**

**7.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell ikunu a karigu tal-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------